MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' April, 2009

Numru 234/2009

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom omissis ta’ 18 – il sena bin omissis, imwieled Pieta’ fil-omissis, residenti fil-fond omissis;

Billi gie akkuzat talli:

Nhar it-2 ta’ Lulju 2008 u/jew fil-gimghat ta’ qabel din id-data f’diversi lokalitajiet madwar Malta b’qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu u cirkustanzi, bhala ufficjal ta’ operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-

gurament li saret skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 30, tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MM3 u l-kunsens tal-Malta Communications Authority esebit bhala Dok MM4 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati l-imputat kien ghadu taht l-eta’ ta’ tmintax il-sena.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 37 tal-Kap. 9 u l-artikoli 30, 74 u 75 tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat omissis, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat, li fil-konfront tal-imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u li fil-Verbal tas-Seduta tallum

l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija tillibera lill-istetss imputat omissis taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat omissis l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------